**Regjun Ghawdex**

Laqgħa Nru. R1/10

Il-President tar-Regjun, Dr. Samuel Azzopardi ghamel diskors tal-introduzzjoni fejn qal li din kienet gurnata storika ohra ghal Ghawdex bl-introduzzjoni tar-Regjun. Semma l-Municipju Ruman, Consiglio Popolare, il-gurati ta' Ghawdex, il-Kunsill Civiku, il-Ministeru ghal Ghawdex, il-Protocol ma l-adizjoni tat-trattat ta' adizjoni ta' Malta ma l-Unjoni Ewropea u l-kisba tan-NUTS III status u issa l-Gvern Regjonali. Waqt li awgura kull success, qal lill-kollegi membri tal-Kumitat Regjonali biex juzaw dan il-Gvern Regjonali ghal gid ta' Ghawdex u l-komunita' li jirrapprezentaw. Temm jirringrazzja lill-Membri raprezentanti tal-fiducja li urew fih.

Is-Sur Carmelo Saliba ghan-nom tal-membri ta' l-kondoljanzi lil Dr. Samuel Azzopardi w il familja Azzopardi ghat-telfa tal-kugin tieghu s-Sur Emanuel Azzopardi

**1.01** Minuti tal-laqgħa li saret il-Hamis 19 ta' Awwissu 2010.

**1.02** Il-Kumitat Regjonali iltaqa' fil-12.00 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat

**1.03** **Preżenti**

| | |
|---|---|
| Dr. Samuel Azzopardi | President, Kunsill Lokali Rabat, |
| Salvu Borg | Sindku, Kunsill Lokali Fontana |
| Frans Cauchi | Sindku, Kunsill Lokali Għajnsielem |
| Emanuel Mintoff | Vici Sindku, Kunsill Lokali Għasri |
| Joe Grima | Sindku, Kunsill Lokali Kercem |
| Joseph Sultana | Sindku, Kunsill Lokali Munxar |
| Miriam Portelli | Sindku, Kunsill Lokali Nadur |
| Paul Buttigieg | Sindku, Kunsill Lokali Qala |
| Philip Vella | Sindku, Kunsill Lokali Sannat |
| Joe Cordina | Sindku, Kunsill Lokali Xaghra |
| Dr. Monica Vella | Sindku, Kunsill Lokali Xewkija |
| Carmelo Saliba | Sindku, Kunsill Lokali Żebbuġ |
| David Soler | Agent Segretarju Ezekuttiv |

**Skużati**

Il-membru tal-Kunsill Lokali Gharb u tal-Kunsill Lokali San Lawrenz.

**1.04 Aġenda**

Il-Kumitat Konġunt mexa fuq l-avviż li ħareġ fil-16 ta' Awwissu 2010

1. Talba
2. Korrispondenza
3. Hatra tas-Segretarju tar-Regjun
4. Hatra ta' Vici-President tar-Regjun
5. Ufficju Regjonali
6. Working Plan
7. European Regions for Youth (ERY) Network
8. Rapprezentant tar-Regjun fuq il-working group propost mill-Kummissarju tat-Tfal
9. Materji Oħra

## 2. Korrispondenza

Giet imressqa korrispondenza minghand:-

**2.01.** Is-Sur James Catania, Assistent Direttur, Field Services Unit, lil Dr. Samuel Azzopardi li gie mahtur l-Uffiicjal Awtorizzat ghal Ghawdex, David Soler bhala Agent Segretarju Ezekuttiv sakemm jintghazel Segretarju mill-pool mill-Kumitat Regjonali. Dr. Samuel Azzopardi qal li kien oggezzjona fuq livell ta' l-Assocazzjoni tal-Kunsilli Lokali mhux ghas-Sur David Soler izda kif intghazel is-Sur David Soler biex ma jkunx iservi ta' precedent. Peress li l-Kumitat Regjonali ta' Ghawdex ma kienx ghadu iltaqa biex jaghzel is-Segretarju Ezekuttiv mill-pool mill-Kumitat Regjonali gie accettat Agent Segretarju Ezekuttiv.

**2.02.** Is-Sur James Catania, Assistant Direttur, Field Services Unit, dwar Memo 116/2010 dwar il-Protokol Lokali u Regjonali.

**2.03.** Dr. Chris Said, Segretarju Parlamentari lil Dr. Samuel Azzopardi fejn talab nominazzjoni ta' persuna biex isservi fuq il-Kumitat li se jiehu hsieb jimmarka il-50 anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsill Civiku Ghawdxi. Gie nominat Dr. Samuel Azzopardi bi qbil unanimu mill-membri prezenti. Dr. Samuel Azzopardi kien tal-fehma li jinhatar ukoll Kumitat mill-membri tal-Kumitat Regjonali Is-Sur David Soler ghandu jinforma lil Dr. Chris Said dwar in-nomina u Dr. Samuel Azzopardi ghandu jinforma lil Dr. Chris Said dwar il-proposta tal-Kumitat.

**2.04.** Is-Sur David Soler lis-Sur James Catania, Assistent Direttur, Field Services Unit, in-numru u l-IBAN tal-kont bankarju li fetah ghan-nom tar-Regjun Ghawdex. Is-Sur James Catania, Assistent Direttur, Field Services Unit, qal li d-Dipartiment ghall-Gvern Lokali se jghaddi €10,000 f'dan il-kont kurrenti sabiex jithallsu s-Salarji tas-Segretarju Ezekuttiv kif ukoll il-kirjiet tal-Ufficini.

## 3. Hatra ta' Segretarju tar-Regjun

**3.01.** Dr. Samuel Azzopardi qal li d-dipartiment kien bghatlu lista tal-pool ta' persuni nominati li fosthom ghandu jintaghzel is-Segretarju Ezekuttiv ghar-regjun Ghawdxi. B'kollox hemm hmistax- il persuna.

**3.02.** Dr. Samuel Azzopardi ppropona bord ta' l-ghazla biex isiru l-interviews u rapport lill-Kumitat Regjonali.

**3.03.** Gie propost Dr. Samuel Azzopardi, Dr. Monica Vella, is-Sur-Paul Buttigieg, is-Sinjorina Miriam Attard u s-Sur Frans Cauchi. Il-membri prezenti kollha qablu ma' din il-proposta.

**3.04.** Il-membri tal-pool kollha jigu avzati d-data ta' meta ghandhom jattendu ghall-interviews mal-bord ta' l-ghazla li wara jaghmel rapport li jigi diskuss fil-Kumitat Regjonali.

## 4. Hatra ta' Vici-President tar-Regjun

**4.1** Dr. Samuel Azzopardi kien ircieva zewg nomini ghal hatra ta' Vici-President tar-Regjun li kienu s-Sur Paul Buttigieg u s-Sur David Apap.

**4.2** Is-Sur David Apap kien informa lil Dr. Samuel Azzopardi li xtaq jirtira n-nomina tieghu qabel id-data ta' l-ewwel laqgha tal-laqgha tar-Regjun. Dan kien ifisser li kien hemm nomina wahda biss. Dr. Samuel Azzopardi ppropona u s-Sur Carmelo Saliba ssekonda in-nominazzjoni tas-Sur Paul Buttigieg. Il-membri kollha qablu unanimament li s-Sur Paul Buttigieg jigi mahtur Vici-President tar-Regjun.

**4.3** Dr. Samuel Azzopardi ghandu jinforma lill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali w d-Dipartiment dwar din in-nomina.

## 5. Ufficju Regonali

**5.01** Dr. Samuel Azzopardi ppropona li sakemm isibu ufficini ghar-Regjun Ghawdex jintuza l-premises tal-Kunsill Lokali tar-Rabat. Il-membri kollha prezenti qablu unanimament.

**5.02** Dr. Samuel Azzopardi ppropona lill-Perit Edward Scerri sabiex ilesti specifications ghall-ufficini ghar-Regjun Ghawdex. Dawn l-ispecifcations ikunu annessi mat-tender ghal ufficju ghar-Regjun Ghawdex.

**5.03** Is-Sur David Soler ghandu jinforma lis-Sur James Catania, Assistent Direttur, Field Services Unit, dwar din id-decizjoni.

## 6 Working Plan

**6.01** Dr. Samuel Azzopardi qal li, skond ma qallu Michael Cohen President ta' l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, id-Datatrek tkun lestiet l-emendi fil-programm ta' LES sa Settembru u ghaldaqstant ippropona li LES tibda topera bhala Regjun mill-ewwel ta' Ottobru 2010. F'din id-data ir-Regjun ghandu jkollu Segretarju Ezekuttiv w ufficju minn fejn jopera.

**6.02** Is-Sur David Soler qal li flus minn kontravenzioniet sa' l-ahhar ta' Settembru 2010 jitqassmu skond il-ftehim ezistenti tal-Kumitat Kongunt ta' LES.

**6.03** Dwar l-istreet lighting Dr. Samuel Azzopardi ippropona l-ewwel ta' Jannar 2011.

**6.04** Wara diskussjoni qasira, iz-zewg dati proposti minn Dr. Samuel Azzopardi gew accetti bi qbil unanimu.

## 7 European Regions for Youth (ERY) Network

**7.01** Dr. Samuel Azzopardi qal li l-Kunsill Lokali tar-Rabat Ghawdex huwa membu ta' dan il Youth Network. Issa xtaq li r-Regjun ta' Ghawdex jifforma parti minn dan il Youth Network.

**7.02** Dr. Samuel Azzopardi spjega minn huma l-membri attwali; Aquitaine, Dolnoslaskie, Emilia-Romagna, Hessen, Pays De La Loire, Generalitat Valenciana, Vastra Gotaland, Wales u Wieldopolska.

**7.03** Dan huwa l-uniku network fl-EU li jissemma fil-green paper tal- Kummisjoni Ewropea fuq iz-zghazagh

**7.04** Dan il-progett inbeda mir-Regjun ta' Emilia Romagna fis-sena elfejn u sebgha. Dr. Samuel Azzopardi qara l-objectives ta' din in-Network.

**7.05** Il-Kunsill Lokali Rabat – Ghawdex ippartecipa bhala osservatur fl-AGM ta' Wales, u bhala membru fl'Emilia Romagna fejn fl-okkazzjoni tal-waqgha tal-hajt ta' Berlin is-sixt form ta' l-iskola Michelangelo Refalo fir-Rabat, Ghawdex gew klassifikati l-ewwel. Il-Kunsill Lokali Rabat, Ghawdex, ippartecipa ukoll f'Valenzia f'Deicembru 2009 u f'Bordeaux f'Mejju 2010.

**7.06** Dr. Samuel Azzopardi qal li ressaq it-talba li jorgannizaw l-AGM fis-sena 2012 u din giet accettata. Huwa offra li jorganizza dan l-AGM mill-Kunsill Lokali tar-Rabat – Ghawdex ghan-nom tar-Regjun.

**7.07** Il-ftehim se jigi iffirmat fl-ufficju ta' Vastagothard f'Brussel fil-hamsa f'Ottubru li gej. Kien hemm qbil ukoll li tigi mistiedna l-media.

**7.08** Dr. Samuel Azzopardi ta’ dettal ta’ kif jahdem u l-vantaggi li r-Regjun ikun jifforma parti ta’ din in-Network.

**7.09** Gie deciz unanimament li r-rapprezentant tar-Regjun Ghawdex ikun Dr. Samuel Azzopardi.

**8.00 Rapprezentat tar-Regjun fuq il-working group propost mill-Kummissarju tat-Tfal**

**8.01** Dr. Samuel Azzopardi qal li Helen Amato talbet li isir working group b’raprezentanza minn kull Regjun u mal-Kumsissarju tat-tfal. Hu xtaq li r-raprezentant ma jkunx hu ghax kien tal-fehma li l-membri kollha tar-Regjun ta’ Ghawdex ikun partecipu f’gruppi bhal dawn. Ghalhekk Dr. Samuel Azzopardi ppropona lis-Sinjorina Mirian Protelli sekondat minn Joe Grima. Kien hemm qbil unanimu.

**9.0 Materji Ohra**

**9.1** Dr. Monica Vella issuggeriet li bhala Patt tas-Sindki li prezentament qeghdin erbgha, Ghajnsielem, San Lawrenz, Xewkija u Xaghra minn Ghawdex u ssuggeriet li jidhlu bhala membri s-Sindki tal-Kunsilli Lokali kollha li jiffumaw ir-Regjun Ghawdex. Issuggeriet li dan ghandu japplika ukoll ghal EU funding.

**9.2** Gie deciz unanimament li l-arma tar-Regjun ghandha tkun dik tradizzionali tat-tliet gholjiet. Gie propost li ssir bandiera tar-Regjun ghal kull Kunsill Lokali u johorgu ukoll leaflets biex jispjegaw ir-rowl tar-Regjun Ghawdex.

**9.3** Gie deciz unanimament li peress li l-Kumitat Kongunt mhuwiex se jigi xolt, dan ghandu jahdem id f’id mar-Regjun u l-laqghat ghandhom isiru fl-istess gurnata ta’ meta jiltaqa r -Regjun.

**9.4** Gie deciz unanimament li l-laqghat isiru kull l-ewwel erbgha fit-tlieta, izda il-laqgha ta’ l-ewwel ta’ Settembru issir f’nofs in-nhar.

Peress li ma kienx hemm materji oħra, l-laqgħa ntemmet fis-1.45 p.m

| | |
|---|---|
| Samuel Azzopardi<br>*President*<br>Regjun Ghawdex | David Soler<br>Agent Segretarju Ezekuttiv |